**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Patrick Xuereb**

**Kumpilazzjoni numru 151/2017**

**Illum 24 ta' Mejju, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Patrick Xuereb** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 104673 (M) billi huwa akkuzat talli fis-6 ta' Jannar 2017 ghall-habta tat-15:00hrs gewwa Triq il-President Anton Buttigieg, iz-Zejtun:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Renee' Vella (ID: 323497M) minhabba li l-istess offiza ggib mankament jew sfregju fil-wicc tal-istess Renee' Vella, skont kif iccertifika Dr. Gordon Muscat MD mill-isptar Mater Dei.
2. Kif ukoll talli ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfligga l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvedimenti tal-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta' Renee' Vella.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni, Parte Civile u d-difiza fejn qablu dwar il-parametri tal-piena.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 fejn qalet hekk:

> **"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda <u>ta' fatt</u> u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-**

**gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Minn ezami tal-provi prodotti quddiem din il-Qorti specjalment tat-tobba rrizulta li l-ferita kienet wahda hafifa.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq, jirrizulta li l-imputat Patrick Xuereb, abbazi tal-principju *il piu' comprende il meno*, ser jigi misjub hati li kkommetta r-reat ta' offiza hafifa ai termini ta' Artikolu 221(1) tal-Kap. 9.

Dwar it-tieni akkuza li hija wahda kontravenzjonali tirrizulta pruvata.

Il-Qorti taghmilha cara li meta wiehed ikollu argument ghandu jsib soluzzjoni bil-kelma t-tajba u mhux billi joffendi lill-persuni li jkun hemm nuqqas ta' qbil maghha. F'dan il-kaz il-parte leza pprovokat l-incident meta offendiet lil dak li kienet tahdem mieghu ghaliex irrifjuta li jaghmlilha ittra ta' rakkomandazzjoni li min-naha tieghu rreagixxa.

**DECIDE**

Il-Qorti ghal dawn wara li rat Artikolu 221 u 339(1)(e) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sitt xhur millum.

*Inoltre*, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imputat Patrick Xuereb jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu

biex izomm il-kwiet ma' Renee' Vella kif ukoll li jzomm il-bon-ordni pubbliku, u dan taht penali ta' elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**